# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' Lulju, 2019**

**Numru 12**

**Rikors Numru 539/18TA**

**Ritianne Callus (K.I. 439077M)**

**vs**

**Simon Borg (K.I. 97569M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Attriċi ppreżentat fit-28 ta' Mejju, 2018 u minnha maħluf fl-istess ġurnata li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi l-esponenti kienet involuta f'relazzjoni ta' xogħol u ta' ħbiberija mal-intimat, għall-ħabta tas-sena elfejn u tlettax (2013) sas-sena elfejn u sittax (2016);

2. Illi fis-sena elfejn u tlettax (2013) l-esponenti għaddiet minn trawma sinifikanti f'ħajjitha, dan minħabba li sofriet il-mewt ta' ħuha;

3. Illi permezz tas-suċċessjoni ta' ħuha, r-rikorrenti wirtet appartament liema fond imbiegh u għaldaqstant ir-rikorrenti ħasbet sabiex tinvesti dawn il-flus f'restaurant, liema investiment ġie nkoraġġut bis-saħħa tal-intimat;

4. Illi l-intimat kien jaħdem f'dan ir-restaurant ġestit mir-rikorrenti stess;

5. Illi waqt li l-intimat kien jaħdem mal-istess rikorrenti, dina ta' spiss kienet tgħaddi diversi ammonti ta' flus lill-intimat, u dan bil-patt u l-kundizzjoni li tali ammonti jiġu ritornati lura lir-rikorrenti;

6. Illi fiż-żmien meta l-intimat kien jaħdem mal-esponenti, fir-restaurant ġestit minnha, huwa kemm-il darba xtara u ħallas diversi affarijiet personali permezz ta' ċekkijiet li kienu jgħajjtu l-ġestazjoni tar-restaurant, li tali ħlasijiet ammontaw għal circa tletin elf Euro (€30,000);

7. Illi stante u in oltre r-rikorrenti kienet silfet din is-somma ossija tletin elf Euro (€30,000), fi flus kontanti sabiex l-intimat jkun jista' javversa dawn is-sommom lil diversi credituri tiegħu, inkluż il-ħlas ta' xogħol ta' assistenza legali mwettaq minn avukati diversi;

8. Illi wara li l-ġestazzjoni tar-restaurant falliet, liema falliment huwa mertu tal-inkapaċita' tal-intimat u tat-tberbiq bl-addoċċ fuq affarijiet hekk personali, l-intimat naqas li javversa dawn is-somom lura lir-rikorrenti, liema ammonti jistgħu jiġu determinati bħala dejn minħand ir-rikorrenti, kif ukoll bħala ammonti li huwa qabad u għamel tiegħu li dawn tal-aħħar kienu fil-fatt parti mill-assi tan-negozju ġestjonat mir-rikorrenti, għaldaqstant ir-rikorrenti kellha tintavola dawn il-proċeduri;

9. Illi inqalgħu diversi inċidenti kull meta r-rikorrenti ppruvat tinterpella lill-intimat sabiex javversa l-ammont dovut tagħha, li tali intervent seħħew anke quddiem il-presenza t'uffiċjal tal-Pulizija, b'dana kollu l-intimat għadu sal-ġurnata tal-lum inadempjenti verso r-rikorrenti;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:-

i. Tiddikjara illi l-intimat qed iżomm flus proprjeta' tar-rikorrenti u nonostante illi ġie debitament interpellat sabiex jirritorna dawn il-flus lir-rikorrenti huwa baqa' inadempjenti;

ii. Tillikwida s-somma hekk dovuta mill-intimat versu r-rikorrenti, *occorrendo* anke bil-ħatra ta' periti nominandi;

iii. Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata fi żmien qasir u perentorju hekk kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-istess intimat illi min issa huwa nġunt in subizzjoni."

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2018;

Rat il-verbal tal-15 ta' Frar 2019 fejn il-Konvenut ingħata għoxrin (20) jum biex jippresenta risposta ġuramentata skont il-liġi, b'dana li ma għamel xejn minn dan;

Semgħet ix-xhieda ta' Ritienne Callus fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2019;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2019 il-konvenut ammetta t-talbiet kollha attriċi;

Rat in-noti konġuntivi presentati mill-partijiet fejn jaqblu li l-ammont li hu dovut mill-Konvenut lill-Attriċi huwa dak ta' sittin elf ewro (€60,000);

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Jirriżulta kemm mix-xhieda tal-Attriċi u kif ukoll mill-ammissjoni tal-Konvenut u noti fuq imsemmija, li l-Konvenut tassew għandu jagħti lill-Attriċi s-somma ta' sittin elf ewro konsistenti f'żewg ammonti ta' tletin elf ewro (€30,000) kull wiehed u dan kif jinghad f'paragrafi 6 u 7 tar-Rikors ġuramentat. Dan ifisser, li ai fini tat-tieni talba, l-ammont li qed ikun likwidat huwa dak ta' sittin elf ewro (€60,000) u kif del resto qiegħed kjarament jiġi ammess mill-Konvenut. Jidher ċar li t-talbiet Attriċi huma fondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u li għalhekk jistħoqqilhom li jkunu milqugħa fl-intier tagħhom.

**Decide**

Għaldaqstant għar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** l-ewwel talba;

**Tilqa'** it-tieni talba u ai fini tal-istess, tillikwida s-somma dovuta mill-Konvenut lill-Attriċi fis-somma ta' sittin elf ewro (€60,000);

**Tilqa'** it-tielet talba u tordna u tikkundanna lill-Konvenut iħallas lill-Attriċi s-somma hekk likwidata ta' sittin elf ewro (€60,000) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-Konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**